# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea (str. Cristoforu, numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IT-TLIETA, it-12 TA NOVEMBRU, 1912. Nru. 40.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Unjoni Cattolica San Giusepp.

AĦBAR.

Sejjra tiftaħ li *Scola ghat-tfal tal Imsieħbin,* b'daŭn il pattijet: li it-tfal ma icollhomx actar minn 15 il sena u inkas minn 9 snin—li icunu jafu jakraŭ xi ftit bl'ingliż u bit-taljan—u li missierijethom icunu dejjem ħallsu it-tliet soldi tal gimgha.

It-taghlim icun: kari u *dittatura* bl'ingliż u bit-taljan, xi ħaġa tal *grammatica* ta daŭn iż-żeŭġ lingŭi, ir-reguli principali tal *aritmetica,* semplici u composti, li Storja ta Malta, geografija u tifsir ta ħŭejjeġ tal bżonn.

Il ħin: f'tal imŭiet, siegha u nofs cull jum. Nhar ta ħamis u nhar ta sibt, issir id-Dutrina.

Mil Palazz Caraffa,
strada Forni, 94.

Walter Agius,
Segretarju.

## Il Concors taghna.

Fuk iż-żeŭġ ittri li ghandhom jinbaghtu ghall *Concors,* chif ghedna, jaħtieġ infhemu ucoll li il chelma tal *kaddis* ghandha tinchiteb *biss* fuk l'ittra li fiha tcun maghluka il poeżija; u fuk l'oħra l'aħjar *xejn,* jeŭ l'actar il chelma *Concors,* ghax inchella, jecc il *kaddis* jitkieghed minn barra fuk iż-żeŭġ ittri (chif ghamel ŭieħed mit-tnejn li diġà *iccon-correŭ*), jista jittieħed żball f'liema minnhom tcun kieghda il poeżija, li ghandha tinfetaħ, u f'liema icun kieghed l'isem tal chittieb, li ghandu jibka maghluk, ghad li mil ħxuna tal ittra il ŭaħda u mir-rkukija tal ittra l'oħra actarx ŭieħed jinduna liema minnhom ghandu jiftaħ.

Kaghdna 'nfissru dan collu ghax, billi ghad fadal ħafna żmien u diġà ghandna żeŭġ *Concurrenti,* naħsbu li dan il *Concors* sejjer jirnexxi; u nixtieku li collox imur tajjeb.

Issa ghandna aħbar tajjba: nistghu inxandru m'illum l'ismijet taż-żeŭġ Chittieba li klajna biex jeżaminaŭ il poeżiji tal *Concors* u jaktghu, bil pattijet collha li ghedna, lil min icun ħakku il premju: u sgur ma tghidux li sejjrin nitilkucom f'idejn żeŭġ Poeti tat-tużżana: il Professur Dun Carm Psaila u is-Sur Albertu Cesareo, li il poeżiji taħħom bit-taljan tfaħħru saħansitra barra minn Malta. Min ma jokghodx b'ghajnejħ maghluka ghas-sentenza taħħom?.... Aħna, chiecu chellna nieħdu sehem f'*Concors,* conna nokoghdu.

## Chif immorru il Cnisja.

Il Cnisja hi id-dar t'Alla, dac li hu Re tar-Rejjet u Sultan tas-Slaten; dac li ŭaħdu jista jissejjaħ cbir, ghani u kaŭŭi, ghaliex il cobor, il ghana u il kaŭŭa tieghu ma jiddependux u la miż-żmien u l'inkas minn xejn. Iżda Alla fuk collox hua il kdusija fiħ innifsu u il ġabra ta cull tieba: ghalhecc id-dar tieghu hi collha kaddisa u ma tfeŭŭaħx ħlief kdusija bil barca tal lôc, bil consegrazzjoni tieghu, bir-Reliqŭiji u l'Immagini tal Kaddisin u fuk collox bl'Eŭcaristija 'mkaddsa, fejn jinsab Gesù Sagramentat, veru Alla u veru Bniedem, chif tghallimna il Fidi nisranija, li ma tista katt tkarrakna, ghaliex poġġuta fuk l'infallibbiltà tal istess Alla, li ghoġbu ighallimna.

Meta hua hecc, liema kima u rispett ma jistħokkilhiex id-dar t'Alla, jeŭ il Cnisja? Min imur hemm ghandu icun jaf fejn hu sejjer u jaħseb ftit fejn hu sejjer; u chif meta immorru ghand xi sinjur jeŭ xi ħadd illi irridu nirrispettaŭ, aħna infittxu li nidhru mill'aħjar, jeŭ almenu chif jixrak, hecc ucoll, biex ma nghidux ŭisk iżjed, meta immorru fid-dar t'Alla, jecc tas-seŭ il Fidi ghadha ħajja fîna, ghandna immorru chif jixrak mhux biss fir-ruħ, iżda ucoll fil gisem, tant illi min jarana jinduna li nemmnu u li irridu natu kima tas-seŭ ll'Alla tas-sema u tal art. Hecc jaghmlu l'ulied tar-Religjonijet collha, u min kieghed jicteb rà b'ghajnejħ stess f'bosta bnadi it-Toroc u il Gharab kabel ma jidħlu fil Cnisja jinħaslu u jirranġaŭ ruħhom mill'aħjar fi ħŭejjiġhom. Hecc ucoll il Lhud, il Protestanti u cullħadd. L'aħjar ilbies cullħadd iħalliħ ghall Cnisja: u dina hi Fidi vera u educazzjoni u civiltà.

Chemm hi, immela, ta min jiccundannaha dic id-draŭŭa cherha li tinsab fostna, fil Gzira taghna, u mhux biss fil campanji, iżda ucoll fil bliet, li ir-rgiel imorru il Cnisja chif icunu fit-triek jeŭ fuk ix-xoghol taħħom, minghajr ġlecc u xi drabi bil cmiem tal kmis imxammra? Xi uħud ma imorrux xorta oħra fil ħanut tax-xorb biex ighaddu ftit taż-żmien, milli imorru fil Cnisja. U la tghidux li ma ghandhomx x'jilbsu, ghaliex ġlecc ghandu cullħadd. Nghidu biss li ħadd ma irid jincommoda ruħu, ghaliex ghandna m'Alla cunfidenza cbira ŭisk. Hu tant veru dan li daŭc stess li tarahom fil Cnisja bla ġlecc nhar ta xoghol u anchi nhar ta Ħadd, ma tarahomx iżjed hecc meta imorru ichellmu lill'Avucat, lil sid il chira jeŭ lil xi ħadd li minnu iridu xi ħaġa. Ma tarahomx inkas bla ġlecc fil festi. Ghala, mela, imorru bla ġlecc jeŭ bil ġlecc fuk spallejhom mita imorru fil Cnisja kuddiem Gesù Sagramentat, il Ħaruf Divin, li kuddiemu l'Anġli fis-sema inkas ghandhom il ħila jerfghu ghajnejhom biex iħarsu?

U x'figura, imbaghad, naghmlu kuddiem il frustieri, li ma jaraŭ katt dan f'pajjiżhom, icunu chemm icunu fkar? Jitcażaŭ bîna, bla dubju, u ighidu li ghandna ħafna cunfidenza ma Alla aħna il Maltin, biex ma ighidux li aħna nieksin mil Fidi u iċ-civiltà.(*)

Mita, immela, immorru fid-dar t'Alla, naħsbu li sejjrin fid-dar t'Alla: u infittxu li immorru chif jixrak, biex natu kima ll'Alla, biex naghmlu gid lir-ruħna u biex nuru lill'oħrajn li nafu u nifhmu tajjeb id-dmirijet taghna, tant religjusi, chemm ucoll civili. Jalla dina il fehma titnissel f'cullħadd, issa specjalment li gejj żmien fukna li Malta sejjra tara nies daks chemm

(*) Dan ġara m'ilu xejn, geŭŭa l'isbaħ Cnisja ta Malta: u chien nhar ta ħadd! Mur ara chiecu dic ir-*Ras cbira* li tcażżat sabet-ruħha hemm nhar ta xoghol, nghidu aħna fil ħin tar-Rużarju! F'din il ħaġa, ħadd ma hu l'ura daksna: u il Cappillani imisshom jisħku ŭisk fukha! Fil Bliet, l'actar li jonksu huma ir-rgiel: imma fir-Rħula jonksu in-nisa ucoll, li imorru il Cnisja ħafjin (jeŭ bil carcur, li chemm m'hux aghar) u imċerċra, ghalavolja icollhom x'jilbsu tajjeb. Fuk dan ghad narġghu nitchellmu.

Id-Direzzjoni.

għadha katt ma rat fl'eżistenza taħħa, jigifieri fil Cuugress Eūcaristicu, li dejjem iżjed riesak lejna. Niftacru li f'collox l'eūūel ma tiecol il għajn.

M. P. G.

## ID-DINJA CHIENET MINN DEJJEM JEŪ MAĦLUKA MN-ALLA FIŻ-ŻMIEN?

(*Jossocta man-numru 39*)

Nistgħu ucoll nuru illi d-dinja ma hix minn dejjem, iżda maħluka mn-Alla fiż-żmien, jecc nuru x-nifhmu b-isem ta' dinja. Id-dinja mela li fukha kegħdin nitħaddtu ma hix ħlief dic il-materja ta' cobor liema bhalu, li fiha kegħdin ngħammru u li hi magħmula mis-sema u mil-art u mil-ħuejjeġ collha li fihom jinsabu. Issa din id-dinja scond il-fhema ta' l'għorrief collha ma hix ħlief imħabba l-bniedem, li jaf jinkeda biha u b-cull ma fiha jinsab, aħjar minn cull ħlika (creatura) oħra: jecc id-dinja chienet tabilhakk mit-tiduim, f-dauc is-seculi li fihom ma chienx għadu deher il-bniedem x-chienet tisua mingħajr dan l-għammàr tant imsemmi? Mingħajru x-chienu jisueu tant u tant ħuejjeġ sbiħ għal tant seculi ta' bla tmiem? X-chien jisua dac it-tibdil u dic is-sbuħija ta' l-uard ichal, aħmar, isfar, viola u ta' cull leun, jecc ma chienx hemm l-għajn tal bniedem li titpaxxa bihom? X-chien jisua l-cant ħelu ta l-agħsafar, jecc ma chienetx hemm il-uidna tal-bniedem li tismagħhom? X-chienet tisua d-dhera sabiħa tal-boschijiet, il-ħdura ta' l-għelieki u tal-ġonna, l-frottijiet tajbin tas-siġar, l-għôli tal-muntanji, d-daul li jitriegħed tal-cuiecheb, id-daul abjad tal-kamar u d-daul kauui tax-xemx, jecc ma chienx hemm il-bniedem li jixħet ħarsa ta' ferħ lejn daun il-ħliki sbiħ u ta' hena liema bħalha? Sigur li l-ateisti ma jistgħux jirbattu cliemna billi igħidulna illi l-bniedem chien ucoll minn dejjem, għaliex f-numru ieħor ta' dal folju rajna illi n-nisel tal-bniedem chellu l-bidu tiegħu. Mela la darba, chif trid ir-ragiuni, n-nisel tal-bniedem chellu l-bidu tiegħu, min chien, nistaksu l-ateisti, l-euuel li għamel li deher il-bniedem fid-dinja, uara li ghaddeu tant u tant seculi kabel ma deher? Jeuilla nibet mil-art bħal ma jinbet il-fakkiegħ jeu itnissel mil-ilma bħal ma jitnisslu ż-żringijiet? L-ateisti, billi igħallmu illi d-dinja chienet minn dejjem u bit-tagħuiġ tat-taħdit tagħhom ma jżommux il-veru Alla bħala Causa Prima tal-bniedmin u ta' collox, mit-tagħlim karrieki tagħhom ghandhom jakgħu bil-fors f-dil ħmerija cbira illi l-bniedem jeu nibet mil-art jeu itnissel mil-ilma. Mela biex ma nilkgħux daun il-blugħat, li fihom jakgħu l-ateisti, għandna ngħidu ċar u tond illi d-diuja ma chienetx minn dejjem; u la darba mā chienetx minn dejjem mela giet hi maħluka mn-Alla fiż-żmien.

Imma chif l-annimali salvaġġi mita jinkabdu ġeuua x-xibca, iżied ma jitħabtu biex jeħilsu minnha, iżied ucoll jitħabblu u jintgħafsu, hecc ucoll jiġrilhom l-ateisti, billi jarau li ma jistgħux jiċħdu mingħajr blugħa illi d-dinja giet magħmula, biex jeħilsu minn da' l-għilt, li issa ġarrafnih chif stajna, jakgħu f-ieħor mux ankas icraħ, billi igħidu «illi d-dinja giet magħmula iva, imma mux minn ħadd ieħor ħlief mil-cas.» X-tagħlim dan! Lè, id-dinja ma hix xogħol tal cas u l-ankas setgħet tcun: dan icun bl-għajnuna t-Alla is-suggett tat-taħdit tagħna darb'oħra.

E. F.

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA—32. Alla ma jaħfirx lil min ma iridx jaħfer bil kalb lill għadu.

# Biedja.

NOVEMBRU.

*Ix-xahar ta inżiħ il ūerak.*

Dac li jidher u isir fil biedja:

Iraħħsu—in-nespula u fomm il-lip.
Jiżhar—il pastard, il kakoċċ, iż-żagħfran.
Jsajjar—il fomm il-lip.
Jinżgħu—id-dielja, ir-rommien, il pumacannella, il bżar aħmar, is-sebuka.

Xoghol tal bdieūūa:

Fir-raba bagħli.

Jinżara—il ghosfor, ix-xghir, il kamħ majjorchin.
Jitħaūūlu—il basal u il patata tax-xitūa.
Jinkata—il busbies.

Fir-raba sakūi u fil ġonna.

Tinżara—li sfonnarija.
Titħaūūel— il caboċċi.
Jinżabar u isir il porpajn tad-dūieli u tar-rommien.

*Silla mbażżra bil gibs.*

Il biedja, jecc ix-xogħol tar-raba imur ūisk tajjeb fejn il megħriet icunu bosta, fejn ma hemmx mergħa, li issir ūeħidha, tista dina issir bil ħidma, jeū biż-żriħ; u dac igib cbir vantaġġ lir-raba. L'aħjar mezz għal din il ħaġa chien icun dac, li is-Società jissuggeriet f'daūn is-snin; irrid ngħid jen tax-xgħir maħsud aħdar, li mbagħd jitħalla għan-niexef. Jaħtieġ li l'aħdar tagħna jitieb u isir aħjar milli hu. Chien Franklin, il famus liberatur tal America, li l'eūūel darba għallem lil pajżani tiegħu il môd li biħ issir il ħaxixa tan-Nefel billi jatiha il gibs. Dan il metodu ħadd ma ried għal l'eūūel jaf biħ; imma, ftit żmien għadda, li ma chienx minn cull-ħadd issoctat; fejn imbagħd dan li etess metodu giè ucoll usat għax-xogħol tal ful u tal legumi l'oħra collha. Il gibs infatti jagħmel li daūn l'uċuħ tar-raba, meta biħ imdemmlin, jiżdiedu għal darbtejn u iżjed; u dan it-tidmil bil gibs jibka jaħdem sa erba' snin: li stess kmuħ maħdumin ūara is-silla jeū legumi oħra mbażżrin bil gibs jirnixxu ūisk tajjeb.

L'eūūel prova ta dan it-tidmil bil gibs ucoll hia saret Malta fis-sena 1846-47, fuk is-silla.

Meta din is-silla chienet tellgħet xi tmien ūerkiet, ġurnata f'novembru li chienet bis-sħab, ma bla riħ, giè fukha mxerred il gibs bil môd li issa ngħidu.

Ūara li tisħku tajjeb sachemm isir trab, tieħu ħafna f'idejc minnu u ixxerridha fuk l'art, bħallichiecu kiegħed tiżra it-tgħam; il qūantità għandha tcun irregulata b'dan il môd, li tati minn dan il gibs erba' siegħan cull tomna raba. In-nida, mbagħd, tal-lieli ta ūara, ħall dan il gibs u niżżlu ġò għerk l'art. Ūara tmien ti jiem din is-silla bdiet tħoss l'effetti ta dan it-tidmil tal gibs: il ūerak jiħdar u jisbieħ b'môd illi sebket fil għoli is-silla l'oħra mingħajr dan it-tidmil.

Il vantaġġi għalhecc ta dan it-tidmil bil gibs icunu li ūieħed jista jaħsad actar minn darba l'aħdar, li tara actar ticber, fir-raba ruxxan, is-silla, u mita ftit icun hemm xita; u hecc thejji aħjar ir-raba għaż-żriħ tat-tgħam: u hecc b'dan it-tidmil, li minnu kiegħdin nitħadtu, jista icollna actar aħdar għall bhejjem, l'art issir actar għammiela u ūieħed jista jibża actar għad-demel l'ieħor, li hu tant scars, chemm bżonn cbir għandu tiegħu.

W.

# Il jum tal Hadd.

Sa mill-eūūel bidu tal ħolħien għoġbu il Cbir Alla jagħżel ūieħed mis-sitt tijem tal gimgħa u jħallih għal mistrieħ. L-eūūel li mar iħares il jum tal mistrieħ chien Alla stess. Igħidulna il Cotba Imkaddsa li ūara li dam sitt tijem fil ħolkien tas-Sema u ta' l-art, fis-seba' jum Alla strieħ. Għalhecc il jum tal mistrieħ fl-eūūel żmienijet chien is-sibt u il chelma *Sibt* ma tfissirx ħaġa oħra ħlief *Mistrieħ*, bħala tifchira u xheda tal jum li fih il Cbir Alla mar *jistrieħ* ūara ix-xogħol tal ħolkien.

Meta il Cbir Alla minn fuk il għôlja tas-Sinaj mar jati lill Mosè it-tūavel tal-Ligi mkaddsa, ried jarġa jūettak il jum tal mistrieħ u fost il Cmandamenti għamel dac l-imiss il mistrieħ tas-Sibt.

Il-Lhud chienu u għadhom iħarsu il jum tas-Sibt b'rekka l-actar cbira. Daūn darba marru jċanfru lil Sidna Gesù Cristu għaliex ħalla nhar ta Sibt lid-dixxipuli, li chienu għaddejjin mil għelieki, jaktgħu iż-żbul tal kamħ, ifarrcuh b'idejhom u biħ jitrejjku mil ġuħ cbir li chellhom. Dana iżda il-Lhud għamluh mux le għall ħrara li chellhom lejn il-Ligi daks chemm biex isibu fiex icasbru il għerf u il kdusija tà l-Imgħallem tagħna. Dana, iżda, għaraf il fehma karrieka taħħom u ūigibhom hecc tajjeb li ma għarfux ichellmuh actar.

Gesù Cristu li Hua is-Sinjur tà collox u għalhecc Sinjur saħansitra tà l-istess Sibt, bħalma Hua mar jgħidilna fl-Evangelju mkaddes: *Dominus est Filius hominis, etiam Sabbati* (San Luka, fil ħames vers tas-sitt cap): ried per mezz tà l-Appostli tiegħu li aħna l'insara nħarsu mux lè iżjed is-seba' jum tal gimgħa, iżda l-eūūel ūieħed bħala tifchira u xheda tal cbira ġurnata li fiha Sidna Gesù Cristu irxoxta mil meūt għall ħajja. Il Cnisja Latina, li hija il Cnisja tagħna, tgħajjat dan il jum *Domenica*, mil Latin *dominus*, li ifisser *Sinjur*. Domenica, mela, tfisser ġurnata tas-Sinjur jeū t-Alla.

Aħna l'insara mbagħad għandna nħarsu il jum tal Hadd, mux biss għax hecc trid il Cnisja, iżda ucoll għaliex f'dan il jum saru l-acbar ġrajja tal fidūa tagħna. U tas-seū. F'dan il jum, mar jitūieled Sidna Gesù Cristu u għalhecc f'dan il jum il Cbir Alla, mdejjak u mūarrab mid-dinja għad-dnubiet tagħha, fukha raġa mar ixerred il ħniena tiegħu fil persuna ta Ibnu Gesù Cristu magħmul bniedem. F'dan il jum, Sidna Gesù Cristu mar jirxoxta mil meūt għall ħajja u miegħu mar ucoll jirxoxta lilna mil meūt tad-dnub għal is-stat tal grazzja. F'dan il jum, scond il ūegħdiet tiegħu, mar Gesù Cristu jibgħat l'Ispirtu Mkaddes fuk l'Appostli, biex iżejjen bil għerf, bil gid u bil kdusija il Cnisja mkaddsa tiegħu, Omm tagħna.

Għalhecc il Cnisja għandha kima specjali lejn il jum tal Hadd li hu għalina, ulied tagħha, jum ta' ħniena, tà glorja, ta cbir għerf u ta kdusija.

Victoria—Għaūdex.

L. CUTAJAR P.L.

# Risposta f'ûaktha.

Jinsabu ċerti insara illi iridu jidħcu b'dac li il Cnisja tagħmel f'daūn il ġranet għal-l'Erūieħ tal Purgatorju; u actarx bid-draūūa li għandha li tidfen il mejjtin f'lôc imbierec, li tixgħel kuddiemhom ix-xama, li tfeūūaħhom bl'incens, li titlob u tissacrifica kuddiemhom; u jidħcu b'dan collu, billi igħidu li il gisem ma għandux bżonn ta suffragi, ankas hu capaci li iūassalhom lir-ruħ, għalhecc huma superstizjusi inchella għall'ankas isiru għal xejn. Ūieħed min daūn it-talin giè għandi id-dar, ūara li għamilt priedca fuk l'Erūieħ tal Purgatorju, u kalli dac collu li semmejt, u bida jidħac bil għamil tal Cnisja ta daūn il ġranet. Jena ūiegibtu għal dac li kalli: u ūegħedtu li għandi ingib fil *Habib* tifsira ta dac collu li il Cnisja tagħmel għall'Erūieħ li imutu fil ħdan taħħa. Għalchemm icun biż-żejjed li ūieħed igħid illi dac collu li il Cnisja tagħ-

mel ghall'Erûieħ, taghmlu l'eûûelnett biex tkankal il fidili ghat-talb; iżda jisûa ûisk li tûiegeb ghal cull ħaġa, biex hecc aħjar jidhru ir-ragjunjiet ta dan il ghamil tar-Religjon.

Tliet xorta, infatti, ta suffragi il Cnisja taghmel lill mejjtin, u daûna huma: l'eûûel, id-dfin f'lôc imbierec, l'ufficcjatura, ix-xama mixghul, is-sacrificcju tal kuddiesa; fit-tieni lôc, il ghamil tajeb tal fidili, bħalma hi l'orazzjoni, is-saûm u dac li natu lill fokra u ħûejjeġ oħra bħal daûn; fit-tielet lôc, l'indulgenzi li fihom icun hemm il ghamil tal insara, it-talb tal Kaddisin u is-setgha tal Cnisja, li isaħħu il ghamil tal fidili (Sant' Antonin, p I., tit: 5., c. 5., sentenz: 3. Educuntur Animae de Purgatorio per modum intercessionis, redemptionis, solutionis, et alienae afflictionis).

L'eûûelnett, ghad-dfin f'lôc imbierec, aħna nafu li in-nazzjonjiet collha iżommu b'ħaġa ghażiża li il mejjtin jindifnu bil pompa li takbel mad-dinjità taħħom, bil bies li juri il grad li chellhom, u b'dic it-turija ta imħabba u ta rispett li ma jiġux imċaħħda ankas lix-xbiħa taħħom. Min jaghmel xorta oħra icun inakkas il kima ta niesu, u jaka ghad-disprezz ta cullħadd; ghalhecc naraû li familji fkar jonfku ictar milli jistghu biex jidfnu chif jixrak il mejjtin taħħom; u minn Tertuljanu nitghallmu li anche il Gentili chienu jonfku bosta biex iżejjnu il cadavri ta nieshom (Thert. de fide Resur: lib: I. Defunctis parentant impensissimo honore); ghalhecc insibu li David faħħar lil daûc collha li ħabircu sabiex Saulli jigi midfun chif chien xierak (2 Reg: II. 5 Benedicti vos a Domino;) u l'Arcangelu San Rafiel faħħar lil Tobija li fiż-żmenijet tal irsiera tal Babilonja chien tà id-difna lil ħutu (Tob. IX. II. 12 Quando. . .sepeliebas mortuos. . . . ego obtuli orationem tuam Domino.) Ghalhecc insibu ucoll li l'insara antichi chienu jidfnu il Martri b'onur cbir, u chienu jokghodu fil catacombi biex jaghmlu hemm it-talb taħħom; anzi nafu li bosta chienu ilestu ghalihom il-lôc fejn ghandhom jindifnu, bħal tal Patriarca Abram, ta San Benedittu u ta bosta oħrajn; u li oħrajn chienu iżejjnu l'okbra taħħom mhux biss bl'armi tal familja, iżda ucoll bis-salib u sinjali oħra tar-Religjon. Jecc cullħadd jista iżejjen il kabar tieghu chif xierak, ma tcunx ħaġa mexxejja li mejjet nisrani (cattolicu) iżomm is-sinjal tan-nisrani u jigi imkieghed f'lôc imbierec, inchella fit-Tempju t'Alla, fejn chien jidħol mita chien ħajj? Minn dan il ghamil,imbghad, gid cbir jigi lill fidili; ghaliex, billi icolloc kuddiemec il mejjet li ghaliħ kieghed isir it-talb, titħajjar ghat-talb jeû ghall'ankas ghall maniera li biha ghandec titlob. Mela, ma hix ħaġa superstizzjusa, inchella ħaġa ta xejn, li il mejjtin fidili jindifnu f'lôc imbierec. L'istess mhux ghal xejn jinxtghel ix-xama ma dûar il mejjtin u jiġu imfeûûħin bl'incens: u dana, scond il ghajdut tad-Dutturi, ghal bosta ragjunijet. Ix-xama iservi biex jurina fiċ-Cimiterji u fil Cnejjes mudlama, imħabba il-luttu, il presenza tal mejjet: ix-xama jistedinna biex nissacrificaû rûieħna u nicconsmaû bħalu fit-talb ghall mejjet: ix-xama juri il fidi li fiha il mejjet ghax u miet; u ghalhecc ir-rispett li ghandu icollna ghal dac il gisem li chien it-Tempju ta li Spirtu is-Santu. Hecc ucoll l'incens jintaghmel biex jichecci l'intiena li jitfa il mejjet, scond li Mghallem taċ-cirimonj Durandu (Durand. Ir-*Rationali*; lib. 7., c. 35.): l'incens ifisser it-talb li il Cnisja taghmel ghall mejjtin, ghaliex it-talb, scond chif ighid il Profeta Reali, jitla bħala id-duħħan tal incens (Ps. CXL. 2. Oratio mea sicut incensum): ifisser il fûiħa tal virtù maghmula mil mejjet u ghalhecc it-tifħir li il Cnisja taghmlilhom. L'ilma imbierec li jixtered fuk il mejjtin ifisser l'indafa li tasal lir-ruħ per mezz tas-suffragi, il ħniena t'Alla lejn il mifdijin u it-tarca contra li spirti malinji, scond li stess Durando (In Ration. lib. 7. c. 35); u dana iżid li anticament chienu ixerrdu fuk il mejjtin ûerak taċ-ċipress mghakkad mal fjuri bħala simbolu tal virtù u tal ħajja ta dejjem. Baka biss f'dina il parti nuru li is-sacrificcju tal Kuddiesa mhux ghal xejn isir, anzi hu l'akûa mis-sacrificci l'ictar kaûûija. Hu tas-seû dac is-sacrificcju ta *propizjazjoni* li, scond l'Appostlu San Ġûann, jisûa biex inaddafna minn cull dnub (Sanguis Christi emundat nos ab omni peccato, S. Giov., I. 7.): ma natux haûn ûiden lil daûc li ighidu li sacrificcju ûieħed biss hu biż-żejjed biex isalva il Purgatorju collu, ghaliex nafu li it-tjubija u il ħniena t'Alla, ghalchemm infinita fiha infisha, ucoll timxi bil kies fil ghamil taħħa.

*(Jissocta)* PIER BATTISTA AGIUS,
Cappillan ta Ħ'Attard.

Nihil obstat. Die 6 Nov. 1912.
ALOIS. CAN. FARRUGIA,
Cens. Theol.

# Ma dûar il Gżira.

L'argument li ghażel Monsinjur Canonicu Attard, Vigarju tal Iskof, ghall *Cunferenza* li ghamel, nhar il ħadd l'ieħor, lill' *Unjoni Cattolica*, ma satax icun isbaħ: u, f'fommu, imbaghd, chif in hu moghni bis-setgha tal acbar Aûtorità tal Cnisja, ûara Monsinjur Arci-Iskof, chien actar kaûûi u ta fejda. Monsinjur Attard ûira b'ħeġġa cbira x'kabża hemm bejn il *libertà vera*, li biha il bniedem hu imżejjen mn'Alla, u bejn id-*dissubbidienza* ghall'Aûtorità tal Cnisja. U tchellem tant ċar u tajjeb, li bdeû cull mument ifakkghu l'applaûsi, ghax cliemu daħal tas-seû f'moħħ il ħaddiema u in-nies tas-snajja. Nifirħulu b'kalbna collha u niżżuħ-ħajr fl'isem tal Cumitat u tal Imsieħbin collha tal *Unjoni Cattolica*.

—Is-Sur Mast Giuseppi Carûana, li semmejna fil *Habib* bosta drabi, samma, nhar l'erbgha li ghaddeû, fil Bażilica ta Portu-Salvu (*San Dumincu*), ûakt l' *Uffizzju tal Mejjtin* li chellhom hemm il Fratelli tan-Nobbli Arciconfraternita tar-Rużarju, *Libera* bl'orgni u il vucijet li saħħret il cull-ħadd bi ġmielha; u nistghu nghidu, bla dubju xejn, li chien hemm jisimghuha persuni li jifhmu. Is-Sur Mast Carûana tà s'issa bosta xhiediet tal gost u tal ġênju tieghu: imma din m'hix l'aħħar ûaħda fosthom, ghax irnexxietlu ħafna. Is-*sulu*, cantat tajjeb nett mit-tenur Tagliavia, fiħ ghaxka: u id-*dûettin* tal aħħar icompli ighakkad ghal-collox dic il biċċa mużica sabiħa, li, ma li stîl tas-seû tal Cnisja, fiha il *melodija*—u melodija fîna.

—Baghtu jitolbuna minn ħal Kormi biex nghidu lill *Post Master General* li jixrak titkieghed *Letter Box* fl'inħaûi ta *San Bastjan*, ghax in-nies ta dac it-tarf tar-Raħal, mnejn ighaddi it-*Tram* u fejn hi ucoll it-triek tal moghdija ghar-Rħula ta fuk, ħaż-Żebbuġ u is-Siggieûi (l'Onurabbli Roupell jafha tajjeb dic it-triek, billi ighaddi minn hemm cull-jum), ghandhom qûarta mixi biex imorru jinpostaû ittra il Corp tal Ghassa, li hu geûûa ir-Raħal nett. U aħna jidhrilna li il Kriema ghandhom id-dritt ta din il cumdità, bħalma ghandhom ir-Rħula oħra, ghax bħalhom iħallsu it-taxxi.

—Is-Sur Carmelu Valletta fetaħ negozju haûn il-Belt, strada *Forni*, numru 140, qûasi bisûit il Cażin tal *Unjoni Cattolica*, ghall bejħ u il chiri tal lampi *Lux-invert*, li jatu daûl ta ġmiel cbir. Nirricmandaûħ lill karrejja taghna.

—U nirriccmandaû ucoll bil kalb collha id-*Depositu tax-xama ta Malta* tas-Sur Stefanu Peresso, li jinsab Bormla, strada *San Paolo*, numru 130, fejn tas-seû jinbieħ xama tajjeb u irħis.

—Narġghu nistiednu l'Imsieħbin tal *Unjoni Cattolica* li jafu idokku xi strument, biex imorru jinchitbu u ighidu xi strument idokku, ħalli tfittex tinghakad il *Classi Musicali*.

—Nhar is-sibt li gejj, fit-teatrin tal *Unjoni Cattolica*, il cumpanija *La Concordia* sejjra tati ix-*Xbejba tar-Rdum*, dramm storicu-patrju bi tliet atti, meħud mis-Sur Ġużè Abela minn fuk ir-Rumanz tad-Direttur tal *Habib*; u ûara id-dramm issir farsa mill'actar brillanti. Tonksux, ghax tisimghu dilettanti mill'aħjar u ġrajja sbieħ ta pajjiżna, fil ûakt li taghmlu opra tajjba mal ħaddiema u man-nies tas-snajja.

# Chitbulna:—

«Il Belt 7 ta Novembru.

«Sur Direttur tal *Habib*.

«Ħallini nistaksi, bil ghajnuna tal gazetta tieghec, min chien ir-Revisur li rà u ħalla li issir il *pellicola* jisimha «LA SPOSA DELLA MORTE, x'ghakal chien li bieħ fehem li hia morali u decenti.

«Aħna u bosta nies li chienu hemm jarauha fejn saret, geuua il Belt u bnadi oħra ucoll, dehrilna li katt ma rajna fatt actar immorali u scandalus minnu. Jiddispiacina li id-decor tal *Habib* ma iħalliniex nirraccuntau il kzies li fiha dic il pellicola li rajna.

«X'gharucasa!. . .Tista tħambak li Stampa, jistghu ighidu il Kassisin, jistghu ighemgmu il missirijet tal familji seuua, ghax l'Autorità donna ma tridx tieħu passi serji fuk dan li scandlu tal giurnata, jeu modern.

«Gboddni dejjem, Sur Direttur, is-serv umli tighec

«MALTI NISRANI.

«P.S. Haun issib ghas-soddisfazion tighec il bigliett tighi.»

# San Martin.

F'San Martin isir f'id-djar il Kareu: jghamluħ f'it-tieni u it-tielet Ħadd ta Novembru. In-nanniet jistiednu lill uliedhom, lill ħtienthom u l'it-tfâl taħħom biex jghamlu bauxata flimchien. Li mdanna u il chenna, illi ta sicuit actarx bil gheddum bejniethom, dac in-nhar isiru ħbieb ħobs u sicchina, u itajru iċ-ċlampu. Fuk il meida tal ichel, tingieb il lenza tal kubbajt, u xi katra tajba ucol.

L'it-tfal jatuhom kartàs coll uiħed gelleuż, kastan, ħabb-ghażiż, leuż, tîn tal kasba jeû taċ-ċappa, u ħafna coccos bonbos iħor: it-tfal dicment jakbżu bil ferħ, u imbghad erħilhom jixxghelu f'nofs it-triek jilghabu il castell, jeu bil biex, jeu il bżallu.

Id-drauua li in-njes tad-dâr, nhar San Martin jistiednu il kraba u jixxalau flimchien ghalanija, busnannietna ħaduha mill li Skallin, ghax f'dan iz-zmien jifthu l'imbit il ġdid, li icunu ghasrulec ma tulec Settembru.

Dauc li jifmu fl'imbit, igheidulec li sabiex icunu jafu seuua bla ma jitkarrku jec bittija imbit ihiex tajba jeu lè, kabel idukuħ, jeclu il gelleuż; u actarx mela ghalecc, il ħabta ta San Martin, in-njes tghamel fiera fuk il gelleuż.

Xi ghorrief igheidu illi, fl'imghoddi, innies ta Ateni chienu jghamlu ghors cbir, bħala kîma u tizzija ta ħajr lil Baccu (âlla tal imbit), f'ix-xaħar ta *Antesterion* ghall tlet ijiem sħâħ uara xulxin, li jakblu seuuaseu mal ġranet tal 11, 12 u 13 ta Novembru tghana.

DUN GIUSEPP FARRUGIA,
Cappillan.

## Nhar it-tnejn

li ġejjin, tibda li *Scola tal Imsieħbin fl'Unjoni Cattolica*, fis-7 ta fil-ghaxija; u tibka sejjra cull nhar ta tnejn, nhar t'erbgha u nhar ta gimgha. Monsinjur Galea ighallem it-taljan, is-Sur Lanzun (il President) l'ingliż u is-Sur Walter Agius l'aritmetica. Icun hemm ucoll Classi ghat-taghlim tar-Religjon. B'collox, tliet sieghat fil gimgha.

## "Pia Unioni ta Santa Rita"

INDULGENZI U PRIVILEGII

*Mghotjin mil Papa Piu X, fil 20 ta Mejju 1904, ghal mictubin colla.*

(*)

I. INDULGENZI PLENLRII.

*A*). Dic inhar li uiħed jinchiteb, jech icun imkarar u imkarben.

*B*). Fil pont tal meut, jech uiħed icun niedem, mkarar u mkarben, u jech ma icunx jista ikerr u jitkarben, b'kalb niedma isejjah l'Isem imkaddes ta Gesù, jech ma jistax bil fomm ghall'inkas bil kalb.

*C*). Barra min daun iz-zeug Indulgenzi Plenarii, jirbhu Indulgenza Plenaria ohra, jech nidmin imkarrin u imkarbnin jinvistau il Cnisja jeu Cappella tal Pia Unioni, u hem jitolbu ghal paci bein is-Slaten Insara, ghall'esaltazioni tal Cnisja mkaddsa u ghal kirda ta l'eresia, f'daun il ġranet:

Nhar il Milied—L'Istrina—Ghid il Cbir—Lapsi—L'Invenzioni tas-Salib (3 ta Mejju)—L'Esaltazioni tas-Salib (14 ta Settembru)—Ras ir-Randan—L'gherba gimghat li jakghu fir-Randan—Nhar id-Duluri—Hamis ic-Circa—Nhar id-Demm ta Cristu (l'euuel Hadd ta Luliu)—Id-Duluri ta Settembru (it-tielet Hadd)—Nhar S. Rita Patruna tal Pia Unioni (22 ta Mejju)—Nhar S. Chiara min Montefalco Compatruna tal Pia Unioni (18 ta Auissu)—Nhar il festa ta l'Impressioni tal Crucifiss, u l'istrumenti tal Passioni fil kalb ta S. Chiara (30 ta Ottubru).

II. INDULGENZI PARZIALI.

A). *Indulgenza ta 30 sena u 30 quarantena.* Nhar l'Istrina — Epifania — L' euuel Hadd, it-tieni Hadd, u l'euuel giurnata tal Carnival—Gimgha il Cbira—Sibt l'Ghid—Mit-tnein ta l'Ghid sa Hadd il Ġdid, cul jum—S. Marc Ev: (25 ta April)—Tnein, Tlieta u l'Erbgha ta kabel Lapsi—Ghid il Hamsin u fl'ottava cul jum—S. Stiefnu (26 ta Dicembru)—S. Ġuan Appostlu (27 ta l'istess)—Innocenti (28 ta l'istess).

B). *Indulgenza ta 20 sena u 20 quarantena.* Nhar Hadd il Palm.

C). *Indulgenza ta 15 il sena u 15 il quarantena.* Ras ir-Randan—Ir-raba Hadd tar-Randan—It-tielet Hadd ta l'Avvent—Vgili tal Milied—L'euuel u it-tieni kuddiesa tal Milied.

D). *Indulgenza ta 10 snin u 10 quarantenì.* Il ġranet colla tar-Randan, barra mill'euuel giurnata u mil raba Hadd—Tnein, Tlieta u l'Erbgha uara Hadd il Palm—Gimgha il Cbira—Hadd uara Lapsi—Vgili tal Ghid il Hamsin—Tliet jem tal Quattru tempi ta Settembru u dauc ta Decembru—L'euuel, it-tieni u ir-raba Hadd ta l'Avvent.

E). *Indulgenza ta 7 snin u 7 quarantenì.* Jech, ghall'inkas b'kalb niedma, jinvistau b'kima il Cnisja jeu Cappella tal Pia Unioni, f'daun il ġranet:

Fil festi colla ta Sidna Gesù Cristu—tal Madonna—ta l'Appostli u Evangelisti—S. Ġuann Battista—S. Giusepp—S. Uistin (28 ta Auuissu)—S. Monica (4 ta Mejju).

F). *Indulgenza ta 300 giurnata.* Lil mictubin colla, li jigiu ghal funzionijet li isiru fil Cnisia jeu Cappella tal Pia Unioni.

G). *Indulgenza ta 100 giurnata.* Jech fil ghodu u fil ghaxia ibusu il medaglia tal Pia Unioni u jghidu b'devozioni: S. RITA U S. CHIARA ITOLBU GHALINA.

H). *Indulgenza ta 60 giurnata.* Jech jaghmlu xi opri tajba.

*N.B.*—L'Indulgenzi colla haun imsemmja, barra min dic ta uakt il meut, jistghu icunu applicati ghal mejtin.

PRIVILEGII.

1. Il kuddies collu li isir ghal mictubin mejtin igaudi il privilegg ta l'Altar privileggiat.
2. Il mictubin li jokodu fein ma hemx Cnisia tal Pia Unioni, biex jirbhu l'Indulgenzi li semmeina jistghu jinvistau il Parrocca tahhom.
3. Jecc xi hatt ghal xi ragiuni, verament ma icunx jista imur il Cnisia, biex jgahmel il visita li tinhtieg ghal rebha ta l'Indulgenzi, il Confessur tighu jista jibdillu din il visita f'xi ghamil tajjeb ihor.

Imprimatur.

Die 5 Octobris 1912.

ALOISIUS CAN. THEOL. ATTARD, *Vic. Gen.*

———

(*) *It-tŭissijet tal Pia Unjoni ta Santa Rita* li gibna il gimgha l'oħra u l'*Indulgenzi u Privileggi* li kieghdin ingibuhom illum, bħalma taraŭ, ħallejnihom bl'*ortografija* taħħom.

ID-DIREZZJONI.

## Ma dûar id-dinja.

—Il ghajnejn tad-dinja huma collha mixħuta banda ŭaħda: fuk il gŭerra jigifieri bejn it-Turchija u il ghakda ta li Stati tal Balcani, li huma il Grecja, il Bulgarja, is-Serbja u il Montenegru, li ghall ħeffa, li biha ġreŭ dejjem rebbeħin sa taħt Costantinopoli, ghaġġbu il cullħadd u sŭiet ta taghlima cbira ghall Cbar Potenzi tal Eŭropa, mentri it-Toroc, mirbuħin dejjem u mghaccsin, jaħarbu kuddiem il ghedeŭŭa minn belt ghal belt, ŭara li icuuu ghamlu cull xorta ta chefrija fuk l'Insara.

Ma dŭar il belt Ġannina biss ħarku 20 villaġġ u katlu it-tfal u in-nisa, li geŭ ucoll miftuħa bis-schiechen u imkattgha bcejjeċ.

Il Grieghi geŭŭa l'aħħar tmin ti jem ħadu Verria u il gżejjer Lemnos, Thasos, Imbros, Samothrace, Phra u Tenedos, gharrku l'incrocjatur *Fethibulend*—ħadu ucoll posiżżjoni tajjba f'Halbankos, fejn it-Toroc tilfu 1200 ruħ u seba' canuni.

—Il Bulgari, ŭara jumejn ta cumbattiment, ħadu Lula-Burgas u kabdu ħafna munizzjonijet: ġà ŭaslu ftit mîli boghod minn Costantinopoli u paci ma fi ħsiebhomx jaghmlu kabel ma icunu daħlu f'din il belt. Huma ucoll, ghalchemm it-Toroc ŭaslulhom nies minn Costantinopoli, ħarrbu il ghadu u ħadu Tchorlu, Istrandja u Rodosto.

Is-Serbi daħlu f'Krusheva u f'Monastir.

Il Montenegrini ħadu Alessju u San Ġŭann ta Medŭa, u issa flimchien mas-Serbi mixjin fuk Yakova.

Hemma beżgha cbira illi it-Toroc fil ŭakt li il Bulgari u sħabhom icunu sejjrin jidħlu Costantinopoli, joktlu chemm hemma insara: ghaldakstant il Potenzi collha talbu it-Turchija li tħalli fregata ta cull Nazzjon tghaddi id-Dardanelli, sabiex jakbżu ghan-nies taħħom: iżda billi raŭ li ŭaħda m'hix biżżejjed, talbu li ighaddu tnejn minn f'lôc ŭaħda. L'Inghilterra bilġri baghtet bosta fregati, u oħrajn huma ġà lesti fuk in-nar haŭn Malta, sabiex jitilku malli icun hemma bżonnhom.

L'Aŭstrja bilġri baghtet ucoll il flotta taħħa Smirni: l'Ambaxxatur ingliż żamm Costantinopoli il vapur ingliż *City of Kios* sabiex italla fuku is-sudditi jecc jiġri x'irvell.

Salonica ŭaket f'idejn il Grieghi.

*Stati Uniti — America* — Fl'aħħar taxxahar li ghadda, Brooklyn, giet varata *Super-Dreadnought "New York"* li ghandha tiġi armata b'ghaxar canuni ta 14 il pulzier: tcun timxi 21 mîl fis-siegha.

Ŭara lotta cbira, giè maghżul President is-Sur Wilson li ġieb 408 voti: mentri Rosevelt ġieb 104 u Taft 11 biss.

*Italja.*—Sâbu li miż-żerriegha tal gheneb jista jittieħed minn 15 ghal 20 fil mija żejt, li minnu jista isir is-sapun u jista jinxtghel.

Franza u l'Italja ftehmu li ma ifixclux il xulxin fil Marocc u fil Libja—iżda ighinu il xulxin sabiex imorru il kuddiem.

*Fl'aħħar mument.*—Il fregati li chien haŭn Malta telku ghal gharrieda collha.

L.M.C.G.

## "La Fortuna"

TA TORQUATO TASSO.

*Lill Feliċ Buħagiar.*

Ħadranija issa tara u mbgħad żerka
Tagħha l-libsa, f-elf leŭn tbiddel bħal berka;
Illi dejjem xort'oħra lilha ssib
Fuk ŭiċċha chemm il darba għajnejc iggib.

Hecc drabi r-rix li tal ħamiem maħbub
Il-għonk gustus u ħlejju trah idaŭŭar:
Katt bħalu stess kuddiem għajnejc misjub;
Lilu 'żda x-xemx f-diversi lŭien issaŭŭar;
Trah issa ftar-rubini l-ħmura jdub,
B-dija mbgħad ta smeraldi ħadra mfaŭŭar;
Flimchien issa jħallathom; dlonc itenni
Il bidla, u hecc b-elf mod l-għajnejn ihenni.

* * *

Dejjem karrieka—chienet xortija:
L-eŭŭel bit-tama—rasi timlieli;
Tŭiegħedni dejjem—inhar u ljieli
Li l-premju fl-aħħar—hu lest għalija:
Iżda biex naħfnu—xħin immidd idi,
Minn ŭara dahri—għajjur destin
Lix-xorti jnaffar—u jien mischin,
Bħal miblugħ nibka,—o Alla Sidi!

G. MICALLEF.

Ir-Rabat, Għaŭdex.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### X'IN HU?...

Ċatt, imgħerbeb, bil faċċati,
irkik, oħxon, tŭil, kasir,
dejjem lest biex nakdi lilec
bla ma tiġri giri cbir.
Geŭŭa gismi ghandi ruħi
li tfeġġ barra mil munkar:
ħamra, safra, caħla, seŭda,
chif tixtiekha: dan hu ċar!

GINU.

L'aħħar *Ghidli x'in hu* chien:

**I**nbid
**M**eŭt
**U**lied
**I**lma
**E**rbatax
**T**fal

Giebuħ: mil belt, ir-Reverendu Dun Giusepp Gaŭċi, is-Sinjura Caterina Borġ, G.S.P. u is-Sinjuri Piju-Marija Gaŭċi, Giuseppi Attard u Michelinu Spiteri;—u minn Għaŭdex (*San Laŭrenz*) is-Sur Dŭardu Grima.